Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 13 – Il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi3:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Giuseppi Attard | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Korrispondenza u Kommunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku u l-kunsilliera lkoll taw merhba lill-ambaxxatur Giuseppi Attard u awgurawlu hidma u esperjenza fejjieda fi hdan il-Kunsill.

3.2 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal-laqgħa li kellu mar-Reġjun Għawdex rigward is-sitwazzjoni tal-bozoz tal-lokal u x'ser jiġri f'każijiet ta' ħtieġa ta' bozoz ġodda. Huwa semma' li l-lampi l-ġodda li ġew installati huma ta 28V, 36V u 48V. Huwa rrefera għal-fatt li hemm każijiet fejn il-bozoz li nbidlu ġew aktar baxxi u hemm ħafna dlam. Ser isir eżerċizzju dwar dan biex jiġi determinat fejn jinħtieġ li jiżdied il-vultaġġ tal-lampi. Huwa semma' li l-lampi l-ġodda għandhom garanzija ta' ħames snin u l-manutenzjoni tal-lampi hija f'idejn ir-Reġjun. Minn naħa l-oħra talbiet ta' lampi ġodda ser jibqgħu fir-responsabilita' tal-Kunsilli Lokali.

3.3 Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li l-ħaddiema tal-ETC assenjati mal-Kunsill issa ġew ingaġġati ma' aġenzija u qed jaħdmu fuq bażi full-time. Huwa rrefera għal-laqgħa li s-Sur Victor Xerri, il-manager tagħhom kellu mal-ħaddiema flimkien mas-Segretarja u li s'issa kollox jidher li miexi kif suppost. Huwa semma' li qed intuhom lista kuljum ta' xogħol li jinħtieġ isir fosthom xi xogħol ta' tisbieħ bħal huwa rranġar tal-area fi Triq Fuq il-Ghajn fejn ta' Belin Saliba li tinkludi rranġar ta' taraġ permezz ta' konka għall-qsari.

3.4 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera wkoll għas-site visit li għamel f'Wied ir-Rgħajjes fejn hemm bżonn biċċa struttura li trid issir bic-cement jew xi materjal ieħor biex isservi bħala tisqifa fuq il-wied peress li jeżisti periklu għar-residenzi ta' dan il-post. Sar qbil li lil-perit għandna nitolbuh jipprovdilna l-aħjar u l-orħos soluzzjoni. Sar qbil li qabel issir għandna nikkuntatjaw lis-sid l-ieħor tal-post.

3.5 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa kellu mal-MEPA rigward il-proġett tal-Wied il-Kbir. Huwa rrefera għal-laqgħa bħala waħda pożittiva ħafna iżda li minn naħa tagħhom jinħtieġu aktar informazzjoni u storja tal-post. Rigward l-arkata saru mistoqsijiet dwar jekk hemmx pedamenti, rigward ħitan tas-sejjieħ, rigward x'tip ta' flora u fauna jeżistu fil-post, jekk hemmx xi plakek ta' informazzjoni, eċċ. Is-Sindku saħaq li peress li l-Kunsill huwa nieqes mill-evidenzi ta' storja dokumentata jinħtieġ li tinġabar ħafna aktar informazzjoni fosthom li jiġi kkumissjonat studju dwar il-flora u l-fauna li jeżistu fil-wied. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja dwar dan l-istudju ma' Joseph Bonello dwar kemm jiġi jiswa dan l-istudju. Il-proġett għandu jinqasam f'fażi u jidħol taht proġetti ta' Restoration of Existing Heritage. Il-MEPA minn naha tagħha saħħqet għal fatt li peress li l-qasab tal-Wied huma karatteristika tiegħu ma jistax jinqata' għal kollox u lanqas ma tista tintmess is-sodda tal-wied. Il-Kunsill qabel li għalissa għandu jiċċekkja dwar l-istudju u aktar ġbir ta' nformazzjoni.

3.6 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu mal-Perit Antoine Gatt li kien il-moħħ wara l-istudju li sar għal Għajnsielem konness mal-proġett tal-Interreg Green Infranet. Huma ddiskutew il-proġett tat-taraġ li jgħaqqad il-pjazza Madonna ta' Loretu ma' Pjazza 10 ta' Diċembru u l-possibilita wkoll li fuqu jiġi nkluż monument ta' karatteristici minn Għajnsielem. Bħala stima tax-xogħol tal-perit tammonta għall-€8000. Il-Kunsill ra li l-istima tinkludi ħafna spejjes ta' vjaġġar peress li l-Perit hu malti u għalhekk qabel li għandu jassenja l-proġett lil Perit Shawn Micallef.

3.7 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Perit Godwin Sultana rigward il-gate tal-entratura tal-Football Ground. Huwa rrefera għal fatt li ġie ssuġġerit li l-gate ssir sliding b'bieba żgħira biex ma jkunx hemm ħtieġa li toqgħod tinfetaħ il-gate

il-kbira kull darba. Sar qbil li wara li l-Kunsill ikollu l-istima f'idejn ikun jista jara f'hiex jista jgħin skond il-budget approvat minnu għal dan ix-xogħol.

3.8 Ġiet trattata l-talba tal-customer care dwar double-yellow lines quddiem drive-in f'Firilla Street. Sar qbil li għandna niċċekjaw ma' Transport Malta dwarha.

3.9 Ġiet trattata l-ittra mingħand Mark Sansone fejn talab li ser isir xi filming qasir konċernat ma' xi reklamar f'Kemuna. Sar qbil li l-Kunsill għandu joħroġ no-objection tiegħu fuq il-bażi li ma jintmessx l-ambejnt u b'xi mod tiġi mtellfa l-attivita' ekonomika tal-post.

## 4.0 Sottokumitat ghal-Kultura

4.1 Is-Sindku Franco Ciangura propona sabiex jitwaqqaf sottokumitat għall-kultura biex jgħin lill-Kunsill fl-organizazzjoni ta' attivitajiet kulturali. Sar qbil li għandna nidentifikaw xi nies ta' etajiet u anke nazzjonijiet diffferenti biex ikunu nvoluti direttament f'dan is-Sottokumitat għall-Attivitajiet Kulturali.

## 5.0 Proġett Network of Towns

5.1 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li l-Kunsill reġgħa ssottometta, din id-darba bħala lead partner għal proġett taħt in-network of towns bis-sehem ta' --- pajjiżi. Kemm il-darba l-proġett jigi approvat, huwa proġett interessanti ħafna li jinkludi diversi konferenzi u li l-għeluq tiegħu jkun b'konferenza fi Brussels.

## 6.0 Proġett Youth Transnational Exchange

6.1 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjonijiet li ħriġna għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'din l-Exchange. S'issa daħlu madwar disa' applikazzjonijiet iżda l-Kunsill jixtieq numru akbar ta' parteċipanti biex il-proġett ikun b'saħħtu. Sadanittant sar qbil li għandna nlaqqgħu liż-żgħażagħ li tħajjru għal dan il-proġett biex flimkien tibda tinbena l-applikazzjoni li l-closing date tagħha hija fis-26 t'April 2016.

## 7.0 Inawgurazzjoni tal-Proġett tal-Pjazza tad-Dehra

7.1 Is-Sindku rrefera għax-xogħolijiet finali li qed isiru mal-funtana tal-pjazza tad-dehra biex b'hekk wara l-jsir it-turf u jitpoġġew il-bankijiet, nistgħu ngħidu li l-proġett jkun lest biex jiġi nnawgurat. Sar qbil li l-plakka tal-inawgurazzjoni kemm dik t'issa u kemm dik ta' qabel għandhom jitwaħħlu fl-entratura oppost ta' xulxin. Il-kunsillier Peter Caruana propona li għandna issir plakka bl-istorja tal-Pjazza tad-Dehra u tinkludi wkoll ritratti. Sar qbil li l-inawgurazzjoni għandha ssir il-Ħadd 15 ta' Mejju u nagħmlu nofs ta' nhar attivitajiet fil-post. Sar qbil ukoll li għandna niċċekjaw mal-Paying Agency dwar il-protokol tal-istedin relatat ma' proġetti tal-Unjoni Ewropea.

## 8.0 Deċizzjoni dwar is-Swimming Zone tax-Xatt l-Aħmar

8.1 Saret referenza għal-laqgħa li nżammet ma' uffiċjali ta' Transport Malta rigward l-possibilta' tal-immarkar ta' swimming zone fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar. L-uffiċjal Chris Schembri spjega li għal din is-sena hija ftit diffiċli iżda huwa talab lill-Kunsill sabiex jirrevedi l-proposta tiegħu u jċekkinha b'tali mod li tinqata' kemm jista jkun għad-dritt u li ma ttellef l-ebda dgħajjes milli jidħlu u joħorgu. Il-Kunsill qabel fuq proposta u li għandhu jibgħat lilha għall-approvazzjoni.

## 9.0 Parteċipazzjoni fil-Proġett Cittaslow

9.1 Is-Sindku rrefera għall-proġett Cittaslow li huwa mifrux kemm fl-Ewropa kif ukoll barra mill-Ewropa u li tiegħu Tolfa hija membru. Dan il-proġett ta' sħubija fih ħafna benefiċċji anke dawk ambjentali. Sabiex nipparteċipaw hemm annual fee ta' xi €600 u jekk jirnexxielna nidħlu, Għajnsielem ikun l-ewwel lokalita' f'Malta u Għawdex li tkun ingħaqdet f'din il-katina ta' lokalitajiet. Il-Kunsill qabel li għandu jibda l-proċess għal din is-sħubija.

## 10.0 Harġa għall-anzjani

10.1 Sar qbil li għandha tiġi organizzata ħarġa oħra għall-anzjani nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu 2016. Sar qbil li għandhom jisimgħu quddiesa f'Ta' Pinu u wara jittieħdu għall-ikel u tombla fir-restorant Eldorado, Victoria.

## 11.0 Embellishments oħra żgħar

11.1 Huwa rrefera wkoll għal sit li jinsab taħt il-flattijiet tal-Gleneagles ħdejn l-eks Mgarr Hotel u hemm passaġġ li jekk jitnaddaf u jittranġa jista jservi ta' Belvedere ieħor. Huwa semma' li minn informazzjoni li għandu x'aktarx li l-passaġġ hu proprjeta tal-Gvern. Sar qbil li għandna niċċekjaw mal-Perit rigward din il-konferma u jekk jirriżulta dan nippreparaw xi pjan għal dan is-sit.

11.2 Is-Sindku rrefera wkoll għal xi xogħolijiet oħra ta' tisbiħ li jistgħu isiru bi ftit spejjes u sforzi żgħar forsthom l-area ta' Sant Eliju int u niżel ix-Xatt l-Aħmar fil-bidu ta' Triq il-Fukazz.

## 12.0 Upkeeping tal-Website u facebook page

12.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li jixtieq li l-website tal-Kunsill tkun aktar updated u li l-Kunsill ikollu aċċess dirett għar-ritratti tal-attivitajiet tiegħu li jitpoggew fuq www.ghajnsielem.com mingħajr ma jkollhom il-watermark. Sar qbil li għandna nirranġaw wkoll ma' Joseph Sultana sabiex ir-ritratti jkunu jistgħu awtomakitament jiġu uploaded fuq il-website tal-Kunsill bħala rikordju tal-attivitajiet organizzati mill-Kunsill.

## 13.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti

13.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u lkoll ġew approvati biex jitħallsu.

## 14.0 Materji oħra

14.1 Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għat-telqa u nuqqas ta' ndafa li jeżisti fil-Belvedere ta' quddiem il-Grand Hotel. Sar qbil li għandha tintbgħat email lid-Direttur Mark Formosa fejn tinġibidlu din l-attenzjoni.

14.2 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex lill-ħaddiema tal-id tal-Kunsill nagħmlulhom t-shirts biex ikunu kollha l-istess. Sar qbil ma' dan u li għandna ngibu xi samples u xi quotations.

14.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għal Tolfarte f'Tolfa u li bħal kull sena nkunu mistednin biex intellgħu grupp. Huwa propona li peress li diġa nafu l-

konferma tad-dati ta' din l-attivita' jkun utli li nibbukjaw minn issa biex il-prezzijiet tal-vjaġġ tal-ajru ma jitilgħux eżaġeratament. Sar qbil li din is-sena għandna nistiednu liż-żgħażagħ li jaħdmu fl-għaqdiet volontarji tal-lokal biex min irid ikun jista jipparteċipa. Sar qbil li ż-żgħażagħ għandhom iħallsu l-vjaġġ biss.

14.4 Il-Vici Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li peress li l-ħaddiem Frankie Saliba qiegħed indirettament jservi bħala l-link bejn il-Kunsill u l-ħaddiema peress li jieħu ħafna nteress f'xogħolu, hux ta' min li dan jiġi rikonoxxut b'xi titlu biex anke l-ħaddiema stess ikun jafu li huwa l-liaising person bejn il-Kunsill u bejnhom. Sar qbil li Frankie Saliba għandu jinħatar bħala co-ordinator bejn il-ħaddiema u l-Kunsill.

14.5 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal fatt li l-Kunsill kellu jħallas xi apparat li ntuża min-Nursery FC dakinhar tal-isports day li jammonta għal €200. Sar qbil li għandna nitolbuhom l-invoice.

14.6 Il-Vici Sindku rrefera għat-talba minghand Louise Bajada sabiex titbaxxa r-rampa tac-cement li hemm fi Sqaq Balliju. Sar qbil li għandha ssir bic-cement mill-ħaddiema tal-Kunsill billi jitmewwet il-pendil tagħha b'rampa kontriha 'l gewwa.

14.7 Il-Vici Sindku talab sabiex isiru bankini ġodda fi Triq Patri Anton Maria Cesal. Sar qbil li peress li huwa bini ġdid għandna nitolbu lis-CMU biex jagħmluhom.

14.8 Saret referenza wkoll għat-talba ta' lampi ġodda f'din it-triq peress li hija mudlama totalment. Sar qbil li fil-preżent għandhom isiru żewġ lampi, waħda fuq in-naħa ta' ġewwa u oħra fuq barra.

14.9 Saret referenza għall-ilment sabiex titnaddaf għalqa ta' Veronica Buttigieg peress li spiċċat b'ħafna skart imwaddab ġo fiha. Sar qbil li għandna titnaddaf mill-ħaddiema tagħna.

14.10 Is-Segretarja ressqet it-talba tal-ħaddiem Pawlu Saliba għall-ħlas tas-sahra li huwa għamel konċernat ma' xogħol li huwa wettaq konness ma' Bethlehem f'Għajnsielem. Sar qbil li għandu jintalab iġib il-ħinijiet maqsumin fil-ġranet tagħhom u mhux numru globali.

14.11 Ġiet trattata t-talba sabiex issir sleeping policeman fi Triq Dun Guzepp Galea Rapa. Il-Kunsill huwa konxju li Transport Malta mhix favur is-sleeping policeman iżda għandha titressaq din it-talba għal-veduti ta' Transport Malta.

14.12 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għat-talba li waslitlu sabiex it-traffic hump li hemm fi Triq Hamri titneħħa peress li qed tkun ta' nkonvenjent għall-ġirien. Sar qbil li għandna niċċekjaw mal-eks Sindku Francis Cauchi dwar x'kienet ir-raġuni li din saret u filkaż niċċekjaw ma Transport Malta jekk din tistax titneħħa.

14.13 Is-Sindku propona wkoll li għandna nħarrku l-isem tal-uffiċju tal-Kunsill u npogguh mal-faċċata għax ħafna nies ma jkunux jafu eżatt fejn hi l-entratura. Sar qbil ukoll li għandna npoġġu l-isem tal-librerija fil-faċċata wkoll. Huwa rrefera wkoll għat-talba li għamlitlu l-kap tal-iskola biex isir l-isem tal-iskola fil-faċċata u wkoll biex nagħmlu tabella tal-Għassa tal-Pulizija.

14.14 Is-Sindku talab ukoll sabiex il-kunsilliera jagħmlu xi tip ta' brainstorming sabiex nagħtu bidu għal kampanja dwar l-immaniġjar tal-iskart.

14.15 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex issir mera fi Triq Cordina u oħra faccata tad-drive-in ta' Raymond Grech.

14.16 Il-Kunsillier Buttigieg irrefera wkoll għall-attivita' tal-ġbir ta' fondi għall-missjoni li ser tkun imxandra live fuq it-televiżżjoni u li fiha ser idaħħlu t-tournament tal-isnooker minn Għajnsielem Għawdex. Din ser issir nhar id-19 ta' Marzu. Sar qbil li l-Kunsill għandu jikkollabora b'xi mod biex titellgħa din l-attivita'.

14.17 Sar qbil ukoll li għandha teħel mera oħra fi Triq Hamri, wara l-Grand Hotel, faċċata tan-niżla.

14.18 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera wkoll għat-talba li kienu għamlu tal-Gozo Horse Racing rigward tigrija li ser issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsilli kollha Għawdxin. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi s-somma ta' €100 bħala kollaborazzjoni f'din l-attivita' sportiva.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgha 8 ta' April 2016 fit-3:00 ta' wara nofshinhar.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**